**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 498/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Paul Azzopardi**

Illum 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 67153M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Ottubru, 2010, u fil-jiem ta' qabel:

> Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Carmelo Fenech fil-pussess ta' hwejgu, u dan billi wessa' hajt fi Triq ir-Rabat, Sqaq Nru. 2, Dingli, Malta, b'tali mod li cekken passagg li minnu kienu jghaddu Carmelo Fenech u qrabatu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru, 2016, fejn sabet lill-imputat Paul Azzopardi hati u kkundannatu multa ta' mija u hamsin ewro (€150).

*Oltre* dan, *ai termini* tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat sabiex fi zmien xahar, inehhi l-inkonvenjent li permezz tieghu cekken il-passagg li kellu l-kwerelant, b'dan illi ghandu jhalli l-lok mertu tal-kawza fl-istat li kien qabel ma sar ix-xoghol mertu tal-kawza mill-istess imputat, u b'hekk, is-sitwazzjoni tigi *in status quo ante*.

*Oltre* dan, ordnat lill-imputat sabiex *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jhallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-Perit Robert Musumeci, u ghalhekk, ordnat in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor dawn id-drittijiet.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Azzopardi, pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija, piena u ordni ta' tnehhija u spejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-aggravji imqanqla mill-appellant, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi dawn il-proceduri kriminali raw il-bidu taghhom b'kwerela mibghuta lil pulizija nhar it-8 ta' Ottubru 2010 għan-nom ta' Carmelo Fenech u dan ghaliex gie hemmhekk allegat illi dakinhar stess u fil-jiem ta' qabel, Paul Azzopardi, l-appellant, wessa' ħajt u ċċekken passaġġ li kienu jgħaddu minnu Carmelo Fenech u qrabatu. Meta l-pulizija tkellmu mal-appellant hu qalilhom illi kien bena binja fil-propjeta'

tiegħu sitwata fi Sqaq nru. 2, Triq ir-Rabat, Dingli u dan skond il-permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti. Hu kkonċeda li l-passaġġ kien djieq iżda saħaq illi dan seħħ meta l-kwerelant bena d-dar tiegħu li tiġi biswit il-binja tal-appellant fejn hu bena iżjed 'il barra milli suppost.

Illi mill-provi li jemergu mill-atti, fil-fatt, huwa evidenti illi l-vertenza mertu ta' dan il-kaz tikkoncerna zewg passaggi u mhux wiehed li allegatament djiequ minhabba l-operat tal-appellant li ghamel xoghol ta' kostruzzjoni fuqhom. Rigward l-ewwel passagg li jinsab jifred zewg proprjetajiet tal-kwerelant u ta' terzi, l-appellant jilmenta illi dan kien jikkonsisti f'hajt tas-sejjiegh li maz-zmien il-parte civile witta u ghattieh bil-konkos u beda juzah bhala passagg. Fil-fatt jishaq illi dan il-passagg ma jikkonfigura mkien fuq il-pjanti u l-kuntratti esebieti in atti. Illi ghalkemm il-perit tekniku nominat mill-Ewwel Qorti jikkoncedi li l-appellant jista' ghandu ragun f'din l-argumentattiva mqanqla minnu, madanakollu jibqa' bhala stat ta' fatt illi maz-zmien dan il-hajt gie imwitti u beda jintuza bhala passagg, u l-utenti ta' dan il-passagg qatt ma gew mwaqqfa milli jaghmlu dan sabiex b'hekk illum l-kwerelant u nies ohra juzaw dan il-passagg b'mod regolari. Jirrizulta ukoll illi l-appellant dejjaq dan il-passagg fil-parti fejn ghamel ix-xoghol ta' kostruzzjoni mill-qies originali tieghu ta' 0.87 metri ghal 0.57 metri. F'dan il-passagg hemm diversi servizzi ghaddejjin ta' katusi oltre li hemm bieb li jinfetah mill-propjeta tal-kwerelant ghal fuq dan il-passagg u li issa bix-xogholijiet illi saru ma jistax jinfetah kollu minhabba l-hajt tal-faccata, ghalkemm xoratwahda jista' jibqa' jigi utilizzat. Il-passagg ukoll xortawahda jista' jibqa' jigi utilizzat ghalkemm b'certu diffikulta' billi l-utenti tieghu ma jistghux ighaddu minnu komodament.

Illi l-kwerelant jilmenta wkoll illi hemm passagg iehor li jinsab fuq in-naha ta' wara tal-proprjetajiet li ukoll djieq. Il-perit tekniku jikkonstata li dan djieq b'20 centrimetru, bil-kwerelant jikkontendi illi huwa kellu dritt ighaddi minn dan il-passagg b'mutur tal-hart u issa ma jistax jaghmel hekk. Illi ghalkemm il-perit tekniku jikkonkludi illi l-passagg bil-mutur xortawahda jista' jsir u anke li wiehed jista' ighaddi bir-rigel komodament, jibqa' bhala stat ta' fatt illi dan il-passagg djieq bl-operat tal-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi hu qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat ta' *raggion fattasi* peress illi, fil-fehma tiegħu, l-elementi rikjesti sabiex jissussistu r-reat ma jezistux. Jisħaq li huwa waqaf milli jkompli bix-xoghol tal-kostruzzjoni meta mitlub jaghmel hekk mill-kwerelant u kompla biss wara li l-istess qallu biex jipproċedi. In oltre jirreferi għall-fatt illi bix-xogholijiet illi saru l-kwerelant xortawahda jista' igawdi mid-drittijiet ta' passagg li jallega illi ghandu u l-uzu tas-servizzi li jgawdi ghal fuq dan il-passagg.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni erudita tal-gurisprudenza li nholqot maz-zmien madwar ir-reat ta' 'l hekk imsejjah *raggion fattasi* u tal-elementi ta' dritt li ssawwruh u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed taghmilhom taghha. Jinghad biss illi sabiex jissussisti r-reat irid jirrizulta it-turbament tal-pussess jew detenzjoni (li mhux necessarjament ikun wiehed imsejjes fuq id-dritt) minghajr il-kunsens tal-parti li tgawdi dak il-pussess li issa huwa mess in kontroversja. Dan ifisser allura illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti meta persuna jkollha t-tgawdija jew l-uża tal-ħaġa jew tal-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.

Illi ghalkemm huwa minnu illi hafna d-drabi dan ir-reat ixaqleb aktar lejn il-volazzjoni tad-drittijiet civili, u li allura ma ghandux isarraf f'sanzjonijiet penali, madanakollu meta jirrizulta l-att materjali ta' min arbitrarjament jiehu l-ligi b'idejh meta dan ghandu ifittex rimedju quddiem l-awtoritajiet kompetenti, allura r-reat jissussisti.

Dan il-hsieb huwa rifless b'mod car fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Anthony Micallef' deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fejn inghad:

> **Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat**

> **ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.**
>
> **Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet civili incidentali ghar-risoluzzjoni tal-vertenza penali.**

Fil-fatt dan il-kaz kien jitratta kaz analogu dwar l-usurpazzjoni ta’ dritt ta’ tgawdija ta’ passagg meta gie hekk deciz:

> **Fil-meritu, ma hemmx dubbju li, indipendentement minn fejn kien il-passagg originali fil-ghelieqi – u cioe` jekk hux ezatt fejn illum hemm ir-rampa (kif jikkontendi Alfred Micallef u xi whud minn hutu) jew xi ftit piedi jew metri fuq naha minnhom ta’ din ir-rampa (kif jikkontendi l-appellant, ibnu u xi xhieda ohra) – il-fatt jibqa’ li Alfred Micallef ghal certu zmien mhux inkonsiderevoli kien jaghmel uzu mir-rampa ghax kien jippretendi li dak kien il-passagg komuni bejn l-ahwa li minnu kellu dritt jghaddi biex jaccedi ghall-ghelieqi tieghu: fi kliem l-ewwel qorti fis-sentenza appellata: “...Alfred Micallef kien ilu jghaddi liberament minn dan il-passagg ghal ammont ta’ zmien indefinit u dan bi pretenzjoni ta’ dritt, u cioe` li dak kien passagg komuni bejn l-ahwa”. Il-pretensjoni ta’ l-appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa biss b’tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta’ passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b’idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, fl-kaz in dizamina jirrikorru l-elementi kollha rikjesti ghall-kostituzzjoni tar-reat ta’ ragion fattasi. Din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura f’dik is-sentenza.**

**Ikkunsidrat:**

Illi allura maghmula din l-esposizzjoni tal-fatti u tad-dritt in materja din il-Qorti difficilment tista tasal biex tiskossa d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Dan ghaliex, ghalkemm jista' jkun minnu kif jikkontendi l-appellant, illi l-parti leza legalment ma ghandha ebda dritt ta' passagg kif minnha pretiz, madanakollu dak li trid tfittex il-Qorti permezz tal-azzjoni penali taht il-lenti taghha mhuwiex daqstant jekk dan id-dritt jezistiex, billi dan ghandu jigi mholli f'idejn il-qrati ta' kompetenza civili, izda jekk kienx hemm turbament ta' stat ta' fatt meta l-appellant fixkel lil parti leza fit-tgawdija tieghu ta' passagg li kien jaghmel uzu minnu ghal diversi snin minghajr xkiel u ukoll li jgawdi minn servizzi ohra fosthom dak tal-access b'mod liberu u komdu ghal fuq wiehed minn dawn iz-zewg passaggi. Dawn il-fatti jirrizultaw ampjament ippruvati u dan meta bl-azzjoni arbitrarja tal-appellant li ghamel xoghol ta' kostruzzjoni fuq dawn il-passaggi huwa wasal biex fixkel l-i*status quo ante*. Dan jemergi mill-fatt ukoll illi l-appellant stess fittex il-kunsens tal-kwerelant qabel ma beda bix-xoghol ta' kostruzzjoni biex b'hekk il-Qorti tifhem illi huwa kien jaf preventivament illi l-istess kwerelant kien qed jaghmel uzu minn dawn iz-zewg passaggi. Illi huwa evidenti illi ghalkemm l-appellant prudentement waqaf mix-xogholijiet sakemm gie l-kwerelant mill-esteru sabiex jiddiskuti x-xogholijiet mieghu, meta mbaghad iltaqghu u nduna li l-kwerelant ma kienx kuntent b'dak li kien qed jigi propost (u dan meta dan tal-ahhar qallu li kien qed jaghmel vendikazzjoni mieghu) huwa xortawahda ghaddas rasu u baqa' ghaddej bix-xogholijiet meta kien jaf illi l-jedd ta' passagg u ta' tgawdija minn naha tal-parti leza kienet in kontroversja. Kwindi l-aggravji tal-appellant qed jigu michuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Id-drittijiet civili spettanti lil partijiet jibqghu mhux mittiefsa b'din is-sentenza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur